


*Noel Muscat ofm*

**Tradott u adattat mill-volum ta' Denys Pringle,**
***The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem: A Corpus,***
**Volume 3, The City of Jerusalem,**
**Cambridge University Press, 2010, n. 337, pp. 287-306.**

Il-knisja ta' Santa Marija tal-Wied ta' Ġosafat hi kripta fil-qiegħ nett tal-Wied tal-Kedron, ftit passi bogħod mill-Bażilika tal-Agunija fil-Ġetsemani. F'din il-kripta hemm meqjum il-Qabar tal-Verġni Marija. Illum il-ġurnata din il-knisja tinsab f'idejn il-Griegi Ortodossi, li ħaduha minn idejn il-Franġiskani fl-1757, u li fiha juffiċjaw huma u xi riti Orjentali oħrajn, fosthom l-Armeni, il-Kopti u s-Sirjani Ortodossi.

## It-Transitu tal-Verġni Marija

Fi tmiem is-seklu 5 kienu żviluppaw diversi tradizzjonijiet dwar it-transitu, jew il-mogħdija tal-Verġni Marija minn din il-ħajja għall-glorja tas-sema. L-aktar tradizzjoni antika tmur lura għas-seklu 4, u tgħid li, wara li l-Verġni Marija mietet fid-dar tagħha fuq l-Għolja ta' Sijon f'Ġerusalemm, l-Appostli ġarrew il-ġisem mejjet tagħha fil-Wied tal-Kedron, fejn difnuh f'qabar ġdid. Ftit ġranet wara Kristu deher u kkmanda lil San Mikiel u lill-anġli biex jieħdu l-ġisem imqaddes u nkorrott lejn is-sema, biex hemm jingħaqad mar-ruħ ta' Marija. Tradizzjoni oħra tgħid li Marija u l-Appostli kellhom jaħarbu mis-sudati Rumani, u nġarru mirakolożament minn Betleħem lejn id-dar ta' Ġerusalemm; minn hemm l-Appostli akkumpanjaw lil Marija lejn il-Kedron, fejn Kristu ġie jilqa' lil ruħha, u mbagħad ġarr ukoll lil ġisimha lejn is-sema, biex hemm dan jistenna l-jum tal-qawmien mill-imwiet.

## L-ewwel knisja tal-Wied ta' Ġosafat

Għalkemm il-bini ta' knisja fuq il-Qabar ta' Marija jingħad li sar għall-ewwel darba minn Kostantinu u Elena (*Vita Constantini*, V), x'aktarx li għandu aktar raġun l-istoriku Eutychius li jikteb li l-knisja tal-Wied ta' Ġosafat inbniet mill-Imperatur Theodosius I (379-395). Nafu li kien hemm ċertament knisja ta' Santa Marija fil-Wied ta' Ġosafat fis-sena 451, fi żmien il-Patrijarka Jovenalius (421-458), li kien l-ewwel Patrijarka Biżantin meta Ġerusalemm saret patrijarkat indipendenti minn Antjokja fis-sena 451 (S. Ġwann Damaxxenu, *Homilia II in Dormitione Mariae*, XVIII, in *Patrologia Graeca* XCVI, 748-752). Mis-seklu 6 il-pellegrini bdew jassoċjaw din il-knisja mal-post fejn kienet ġiet midfuna l-Verġni Marija. Madwar is-sena 570 il-Pellegrin ta' Piacenza kiteb li l-knisja kienet tfakkar il-post fejn Marija kellha d-dar u minn fejn ittieħdet fis-sema bil-ġisem tagħha.


*Imperatur Theodosius I*

L-Imperatur Biżantin Maurikios (Mawrizju) (582-602) iddikjara l-15 ta' Awwissu bħala l-jum tal-festa tad-Dormizzjoni ta' Marija. Sa dak iż-żmien il-Knisja ta' Ġerusalemm kienet tiċċelebra f'dak il-jum il-festa ta' Santa Marija Theotokos fil-knisja tal-Kathisma, fuq it-triq minn Ġerusalemm għal Betleħem. Kalendarji ta' Ġerusalemm dejjem kienu jirreferu għall-Knisja ta' Santa Marija bħala dik mibnija mill-Imperatur Maurikios fil-Ġetsemani, u dan ifisser li x'aktarx li din il-knisja kienet reġgħet inbniet f'dan iż-żmien.

Bħal ħafna knejjes oħrajn fl-Art Imqaddsa, fis-sena 614 il-Knisja ta' Santa Marija tal-Wied ta' Ġosafat sfat meqruda mill-Persjani. X'aktarx li mbagħad reġgħet inbniet mill-Patrijarka Modestos, għalkemm hemm dubju jekk dan beniex din il-knisja jew inkella dik tal-Axxensjoni. Fis-sena 685 l-Imperatur Biżantin Ġustinjanu II ġie obbligat

mill-Kalif 'Abd al-Malik biex jieħu l-kolonni mill-knisja ta' Santa Marija u lilu jagħtih irħamijiet prezzjużi minn Kostantinopli għall-bini tal-moskea tal-Ka'ba fil-Mecca.

L-ewwel deskrizzjoni tal-knisja jagħtihielna Arculf (c.685): "Hi knisja mibnija fuq żewġ livelli. Il-parti ta' isfel, li tinsab taħt volta tal-ġebel, għandha forma tonda. Fuq il-lvant hemm altar, u fuq il-lemin tiegħu hemm il-qabar vojt tal-blat li fih Marija ndifnet għal xi żmien." Arculf jgħid ukoll li kemm il-knisja ta' isfel kif ukoll dik ta' fuq kienu tondi, u li l-knisja superjuri kellha erba' altari.

Madwar is-sena 808 il-*Commemoratorium de Casis Dei* fakkar li l-qabar ta' Marija fil-Wied ta' Ġosafat kien uffiċjat minn tlettax-il qassis, sitt irħieb u ħmistax sorijiet irħieb. Madwar is-sena 870 Bernard ir-Raħeb kiteb li fil-Ġetsemani kien hemm "knisja tonda ta' Santa Marija, li fiha hemm il-qabar li, billi ma għandux saqaf fuqu, isofri kemmxejn mix-xita." Meta kiteb Eutychius, qabel is-sena 939, il-knisja ta' Santa Marija kienet imġarrfa. Xi fonti Musulmani, bħal al-Muqaddasi, madwar is-sena 985, isemmu knisja li kienet tgħatti l-qabar ta' Marija.

## Santa Marija tal-Wied ta' Ġosafat fl-era Kruċjata

Meta l-Kruċjati waslu Ġerusalemm u fit-8 ta' Lulju 1099 daru mal-belt qabel ma ħaduha f'idejhom fil-15 ta' Lulju, huma għaddew maġenb il-Knisja ta' Santa Marija tal-Wied ta' Ġosafat. Sa mill-bidunett kienet knisja devota. Il-kavallier Garnier ta' Grez indifen taħt il-portiku tal-knisja fil-25 ta' Lulju 1100 u r-Reġina Botilda, l-armla tar-Re tad-Danimarka ndifnet ukoll fil-knisja fl-1103 wara li mietet fuq l-Għolja taż-Żebbuġ.

Fis-snin 1106-1108 l-Abbati Danjel ir-Russu żar l-Art Imqaddsa u jagħtina din id-deskrizzjoni tal-knisja: "Il-qabar tal-Omm Imqaddsa ta' Alla jinsab fil-wied ġo għar maqtugħ fil-blat, li għandu bieb hekk baxx li raġel jista' jidħol biss jekk jiltewa tnejn. Fuq l-art ta' dan l-għar, faċċata tal-bieb, hemm xkaffa maqtugħa fil-blat u fuq din l-ixkaffa tqiegħed il-ġisem qaddis tas-Sinjura safja u Omm Alla, u minn hemm ittieħed inkorrott lejn is-sema. Dan l-għar hu għoli bejn wieħed u ieħor daqs raġel u hu erba' kubiti



*Il-faċċata tal-Kripta tal-Qabar tal-Madonna*

wiesgħa f'kull direzzjoni. Il-kamra hi mżejna bi rħam sabiħ; u fuq il-qabar tal-Omm Imqaddsa ta' Alla kien hemm darba knisja kbira kwadra b'saqaf tat-travi tal-injam, iddedikata lid-Dormizzjoni tal-Omm Imqaddsa ta' Alla, imma llum din ġiet meqruda mill-pagani. Il-qabar tal-Omm Imqaddsa ta' Alla jinsab taħt l-altar maġġur ta' dik il-knisja."

Pellegrini oħrajn, bħal Saewulf (1102-1103) isemmu knisja u qabar. Belardo di Ascoli jgħid li kien hemm tletin tarġa biex tinżel fil-qabar, filwaqt li l-Pellegrin Islandiż, madwar is-sena 1150, isemmi tmenin tarġa, forsi numru esaġerat.

William ta' Tyre jgħid li d-Duka Goffredu ta' Bouillon, il-mexxej tal-Ewwel Kruċjata, waqqaf fil-knisja tal-Wied ta' Ġosafat komunità ta' monaċi li kienu akkumpanjawh fil-Kruċjata, u tahom meddiet kbar ta' artijiet. Guibert ta' Nogent jgħid li dawn il-monaċi kienu mmexxjin minn ċertu Baldwin, li kien ippriedka l-Kruċjata u li fl-1102 sar l-ewwel Isqof Latin ta' Ċesarija. Dokument tal-1115 isemmi lil ċertu Ugo bħala l-ewwel Abbati ta' din il-komunità ta' monaċi. Is-suċċessur tiegħu kien Gilduin, prijur tal-Klunjaċensi, li sar Abbati fl-1120. Dan ifisser li din l-abbazija kienet iżżomm rabtiet mill-qrib ma' Cluny, hekk li l-Kronaka ta' Cluny tgħid li din l-abbazija kienet Klunjaċensi. Dawn il-monaċi reġgħu bnew il-knisja ta' Santa Marija tal-Wied ta' Ġosafat madwar is-sena 1112.

Il-Papa Paskal II f'Jannar 1113 semma l-privileġġi u d-donazzjonijiet li kien ta lill-abbazija Godfrey ta' Bouillon, kif ukoll Baldwin I, l-ewwel Re tar-Renju Latin ta' Ġerusalemm. Fl-1108 Baldwin ta lill-abbazija ta' Santa Marija r-raħal ta' 'Askar (Sikar) ħdejn Nablus, u fl-1115 ikkonferma l-possedimenti tagħha fir-Renju ta' Ġerusalemm. Il-proprjetà tal-abbazija f'Ġerusalemm kienet tinkludi l-istess Knisja ta' Santa Marija u l-Wied ta' Ġosafat, l-għajn ta' Siloam, u diversi dwieli u għelieqi oħrajn. Johan ta' Würzburg, qrib is-sena 1165, jikteb li l-abbazija kienet proprjetarja tal-Wied tal-Kedron. Il-Papa Paskal II fl-1113 ta l-fakoltà lill-monaċi li jidfnu fil-knisja dawk li xtaqu jindifnu hemmhekk. L-abbazija tant saret sinjura li fis-seklu 12 kellha possedimenti f'Axkelon, Haifa, Ġaffa, as-Safiriuya, Sidon, Tiberija, Akri u Tir. Kellha wkoll artijiet fil-prinċipalità ta' Antjokja. L-abbazija kellha wkoll proprjetajiet fi Sqallija u l-Calabria, fosthom il-prijorat ta' Santa Marija Maddalena f'Messina, mogħti lilha mir-Re Roger I ta' Sqallija. Dawn il-proprjetajiet fl-Italja ta' isfel kienu jsostnu l-monaċi ta' Santa Marija tal-Wied ta' Ġosafat permezz ta' iġfna li kienu jbaħħru regolarment lejn l-Art Imqaddsa b'ikel, inbid, drappijiet, injam u ċeramika.

Fi żmien l-Abbati Ugo, taħt is-saltna ta' Baldwin I u l-Patrijarka Gibelin (1108-1112) twaqqaf ospizju għall-pellegrini morda maġenb il-knisja, immexxi wkoll minn konfraternità ta' lajċi.

Ir-Reġina Melisende, bint Baldwin II, kienet tgħożż ħafna din l-abbazija. Meta mietet, fil-11 ta' Settembru 1161, indifnet fil-Knisja ta' Santa Marija tal-Wied ta' Ġosafat, fuq il-lemin ta' min jinżel lejn il-qabar tal-Verġni Marija, fi kripta tal-ġebel f'kappella apposta li għadha tidher sal-lum. Xi mindaqqiet Melisende kienet meqjusa bħala dik li bniet din il-knisja fi żmien il-Kruċjati.

Jidher li l-knisja superjuri kienet bażilika fi stil Romaniku, li kellha abside fuq il-lvant, u żewġ kampnari fuq il-faċċata tal-punent. Madwar l-1154 al-Idrīsī iddeskriva l-binja bħala knisja kbira u sabiħa.

Johan von Würzburg, li żar il-knisja madwar l-1165, jiddeskrivi li l-Qabar tal-Verġni Marija kien jinsab "fiċ-ċentru tal-

kripta, li hi mżejna b'lasti sbieħ tar-rħam u pitturi fini. Fuq il-qabar tagħha, għalkemm ġisimha ma jinsabx hemmhekk, hemm binja forma ta' ċiborju, li tidher imżejna bi rħamijiet, fidda u deheb, u li fiha din l-iskrizzjoni: *Hic Iosafat vallis, hinc est ad sydera callis. In Domino fulta fuit hic Maria sepulta, hinc exaltata caelos petit inviolata spes captivorum, via, lux et Mater eorum* (Hawnhekk fil-Wied ta' Ġosafat: minn hawn triq twassal lejn il-kwiekeb. Hawnhekk Marija ġiet midfuna, mimlija fiduċja fil-Mulej. Minn hawn, imtella' bla mittiefsa, hi marret tfittex is-smewwiet, hi li hi t-tama tal-ilsiera, it-triq, id-dawl u l-omm tagħhom). Dan il-kittieb isemmi diversi skrizzjonijiet oħrajn li kienu jinsabu mxerrdin madwar din il-knisja, ħafna minnhom meħudin mil-liturġija tal-festa tal-Assunta.

Teodorico, li żar l-Art Imqaddsa fl-1172, jgħid: "Tidħol fil-knisja minn portiku u tinżel aktar minn 40 tarġa lejn il-kripta, li fiha jinsab il-qabar tagħha, imżejjen bi rħamijiet fini u mużajċi. Hu mdawwar minn 20 kolonna li jżommu arkati, u għandu friż madwaru u saqaf." U mbagħad isemmi l-iskrizzjoni li ġibna ftit ilu. Jgħid li fuq il-qabar kien hemm ċiborju fuq sitt kolonni doppji, li fil-quċċata kellu ballun u salib tad-deheb u lampieri mdendlin bejn il-kolonni. U fis-saqaf tal-qabar kien hemm il-kliem tal-liturġija: *Assumpta est Maria in celum, gaudent angeli et collaudantes benedicunt Dominum* (Marija ġiet imtellgħa fis-sema. Jifirħu l-anġli u jgħannu u jbierku lill-Mulej). Isemmi wkoll il-knisja monastika li kien hemm fuq il-kripta. Jidher li l-pellegrini kienu x'aktarx iżuru biss il-kripta.

Fi żmien il-Kruċjati, fil-Festa tal-Assunta, il-Patrijarka u l-kanoniċi tal-Qabar ta' Kristu kienu jmorru purċissjoni mill-Knisja tal-Għolja ta' Sijon lejn il-Knisja ta' Santa Marija tal-Wied ta' Ġosafat fejn kien jippriedka lin-nies. Nhar Ħadd il-Palm l-Abbati tal-Wied ta' Ġosafat kien jakkumpanja lill-Patrijarka minn Betanja għall-purċissjoni. L-Abbati kellu l-privileġġ li jilbes il-mitra, is-salib u ċ-ċurkett u jilbes id-dalmatika fil-Quddiesa.

Fl-1177 żar il-knisja l-monaku Grieg Ġwann Phocas, li jikteb: "Din il-knisja hi twila ħafna u hi miksija minn volta nofs tond. F'nofs il-knisja hemm il-qabar, li jidher qisu pulptu (jụża l-kelma Griega 'ambon'). Fuq ix-xaqliba tal-lvant hemm bħal sodda (*skimródion*) imħaffra fil-blat, u mżejna bi rħam abjad, fejn l-Appostli qiegħdu l-ġisem immakulat tal-Verġni Mbierka wara li ġabuh mis-Sijon" (PG CXXXIII, 944-945).

## Saladin jaħkem il-Knisja ta' Santa Marija

Fl-1187, meta waqgħet Ġerusalemm f'idejn Saladin, l-Abbazija (*Vallis de Japhes, abbatia et castellum*) ittieħdet mill-Musulmani. Xi kittieba qalu li dawn qerdu l-Qabar tal-Verġni Marija. Imma l-istoriku Kruċjat Ernoul jikteb li, għalkemm il-Musulmani qerdu l-Abbazija u ħadu l-ġebel tagħha biex jibnu l-ħitan tal-belt, imma ma messewx il-Knisja jew Kripta. Il-qerda tal-Abbazija x'aktarx seħħet fl-1192, meta Saladin beda jibni l-ħitan tal-belt ta' Ġerusalemm mill-ġdid. Al-Harawī jgħid li l-Kripta kienet saret *mash'had*, jew post tat-talb għall-Musulmani: "Il-Qabar ta' Maryam jinsab f'Wâdi Jahannum. Tinżel għalih minn sitta u tletin tarġa ... Dan kien oriġinarjament knisja, imma issa hu Masshad, jew oratorju, iddedikat lil Abraham il-Ħabib."

Għalkemm Saladin ikkmanda li l-kripta ssir post ta' talb Musulman, jidher li l-Kristjani ma kinux ġew esklużi. Fl-1211-1212 Wilbrand ta' Oldenburg sab hemmhekk grupp ta' saċerdoti Sirjani Ortodossi. Fl-1198 l-Abbati Amatus ta'

Ġosafat irtira mal-kapitlu tal-monaċi tiegħu fil-belt Kruċjata ta' Akri, fejn l-Abbazija kellha knisja sa mill-1150. Minn testment magħmul mill-Abbati Gerardo f'Akri fis-sena 1241, fejn jissemma' Pietru "prijur ta' Ġerusalemm", jidher li waqt il-perjodu li fih Ġerusalemm reġgħet saret Kristjana (1229 - 1244) wara l-ftehim bejn l-Imperatur Federiku II u s-sultan al-Mālik al-Kāmil, il-knisja tal-Wied ta' Ġosafat kienet priorat, imma li ġiet pprofanata mill-ġdid fl-invażjoni tat-Torok Kwariżmjani fl-1244.

Qrib is-sena 1283 żar il-knisja Burcardo tal-Għolja ta' Sijon, li jikteb: "Hemm binja fil-quċċata li donnha kappella ċkejkna, li minnha tidħol ġewwa u tinżel it-taraġ taħt l-art lejn il-knisja nfisha, jew il-qabar tal-Verġni glorjuża. Minn għalija li hemm 60 tarġa. Il-qabar jinsab fiċ-ċentru tal-kor wara l-altar, u hu tar-rħam ... Il-knisja tal-Verġni Mqaddsa hi mdawla minn ġewwa minn twieqi li jinsabu fil-lvant u jħarsu lejn l-Għolja taż-Żebbuġ, li minnhom jidħol u jinżel id-dawl." Burcardo wkoll jgħid li l-kripta kienet umda ħafna, billi taħtha kienet tgħaddi n-nixxiegħa tal-Kedron, u meta kienet tagħmel xita qliel il-kripta kienet tegħreq. Jgħid li l-Musulmani kienu jieħdu ħsieb tal-kripta, jixegħlu l-lampieri u anke jħallu lill-Kristjani jiċċelebraw il-Quddies, ikantaw u jippridkaw.


Saladin

## Il-Knisja tal-Wied ta' Ġosafat f'idejn il-Franġiskani u l-Griegi Ortodossi

Matul is-seklu 14 il-pellegrini Latini kellhom permess li jżuru l-kripta wara li jħallsu d-dħul lill-gwardjan Musulman. Kellhom ukoll il-permess li jiċċelebraw il-quddiesa fuq il-Qabar tal-Verġni Marija. Ludolph ta' Sudheim, fl-1336-1341, iddeskriva l-qabar bħala li kien miżmum u mżejjen aħjar mill-Qabar ta' Kristu.

Il-Franġiskan Nicolò di Poggibonsi (1346-1351) juri li l-kripta kienet baqgħet kif kienet seklu qabel, għalkemm ma jsemmix il-pitturi li, jew kienu tneħħew mill-Musulmani, inkella kienu tgħarrqu bl-umdità: "Il-knisja għandha tliet bibien: wieħed fin-nofsinhar, minn fejn tidħol; wieħed fil-punent, li hu imbarrat, ħlief għal tieqa. Jingħad li l-Appostli daħlu minn dak il-bieb bil-ġisem glorjuż tal-Verġni Marija. Il-bieb l-ieħor jinsab fil-lvant, u jinsab ukoll imbarrat. Trid tħallas nofs drakma kull ras lis-Saraċin li jgħasses il-knisja. Is-Saraċini juru devozzjoni kbira lejn dan il-post, u jemmnu li



*Altar quddiem l-Edikola tal-Qabar tal-Madonna*

l-ġisem tal-Verġni Marija hu midfun fil-qabar. Jum minnhom, meta jien kont inqaddes fuq il-qabar, rajt ħafna Saraċini li daħlu biex jitolbu, mhux fil-quddiesa, li fiha ma jemmnux, imma fuq il-qabar, li lejh juru qima kbira. Meta tidħol fil-knisja issib taraġ kbir u sabiħ, li jniżżlek taħt l-art b'46 tarġa. Int u nieżel, fuq il-lemin tiegħek issib żewġ kappelli. Il-knisja hi kbira u mudlama ħafna, u għandha ħafna altari, hekk li kull razza ta' Kristjani għandhom l-altar tagħhom hemmhekk. Fil-jum tal-festa ta' Awwissu kulħadd jiffiċċja fuq l-altar tiegħu bir-rit tiegħu. Fiċ-ċentru tal-knisja hemm kappella ċkejkna, u fuqha hemm volta u ċiborju tar-rħam. Għandha żewġ bibien rettangolari, li tant huma dojoq li bil-ħniena tista' tidħol persuna waħda. Bieb iħares lejn it-tramuntana u bieb ieħor lejn il-punent. F'din il-kappella hemm il-qabar l-aktar qaddis ta' Santa Marija, fil-post li fih difnuha l-Appostli. Quddiem il-qabar hemm tliet toqob tondi, li minnhom wieħed jista' jmiss il-qabar innifsu."

Fl-1363 ir-Reġina Ġovanna I ta' Napli talbet lis-Sultan al-Mansūr Salāh al-Dīn Muhammad biex jagħti permess lill-Franġiskani biex jidħlu b'xejn ħalli jitolbu u jixegħlu l-lampieri fil-Qabar tal-Madonna (GOLUBOVICH, *Biblioteca bio-biografica della Terra Santa e dell'Oriente Francescano*, IV (1906), 49-51). F'Marzu 1392 fra Gerard Chauvet, Gwardjan tal-Għolja ta' Sijon, akkwista l-permess li l-Franġiskani jkollhom il-pussess tal-kripta u tal-għar tal-Appostli, li hemm maġenbha, qrib il-Ġetsemani. Il-Franġiskani ngħataw ukoll il-permess li jibnu kunvent f'dan il-post (F. QUARESMIUS, *Terrae Sanctae Elucidatio* (1639), II, 134-135).

Fis-seklu 15 il-Griegi Ortodossi bdew iqimu l-kappella u qabar fuq il-lemin tat-taraġ bħala l-qabar ta' San Ġwakkin u Sant'Anna, għalkemm nafu, mill-kitbiet ta' Ġwann Poloner u Felix Faber li dak hu l-qabar tar-Reġina Melisende. F'dak iż-żmien il-Griegi kellhom altar fuq il-lvant tal-qabar, proprju taħt it-tieqa tal-abside, fejn kien jiffiċċja l-Patrijarka Grieg. Kien hemm ukoll altari tal-Ġorġjani, Armeni, Ġakobiti u Abbissini. Sadanittant il-Musulmani kienu jibqgħu jiġu jitolbu f'din il-kripta.

Fis-sekli 15 u 16 il-Franġiskani komplew igawdu d-dritt li jiċċelebraw il-Quddiesa fil-Qabar ta' Marija. Lejn is-sena 1530 il-kappella u qabar li jinsabu fuq ix-xellug tat-taraġ li jinżel fil-kripta bdew jiġu assoċjati mal-qabar ta' San Ġużepp. Fl-1572 il-Franġiskani għamlu xi xogħlijiet fid-daħla tal-kripta biex jipproteġuha mill-għargħar.

Fl-1517, wara li l-Palestina għaddiet f'idejn it-Torok Ottomani, is-Sultan Selim I ikkonferma li l-Qabar tal-Verġni Marija kellhom fih drittijiet il-Patrijarka Griegi u l-Patrijarka Armen. Jidher li l-Franġiskani ma tilfux id-drittijiet tagħhom u l-pussess fuq il-Qabar tal-Madonna, u mill-1620 akkwistaw diversi *firmani* li ddefendew id-drittijiet tagħhom. *Firman* tal-1656 afferma li l-Franġiskani

kienu ilhom preżenti hawnhekk għal 360 sena.

Disinn tal-Qabar tal-Madonna minn Bernardino Amico fl-1620 juri li kien hemm *mihrāb* (niċċa tat-talb Musulman) fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar tal-qabar u ieħor saħansitra fil-qabar innifsu. Id-disinn juri li ċ-ċiborju fuq il-qabar ma kienx għadu hemm, għax Quaresmius jikteb li l-Musulmani kienu neħħewh, u ħallew biss il-bażijiet u l-kapitelli. Fl-1656 il-Patri Kustodju P. Mariano Morone da Maleo biddel il-lastra tar-rħam li tgħatti l-qabar, u nnota li l-bank innifsu kien tal-blat.

Madwar l-1670 l-Armeni kisbu d-dritt li jiċċelebraw ġewwa l-qabar kull nhar ta' Erbgħa. Fl-1703-1704 P. Eugenio de San Francisco irrapporta li l-Franġiskani, Griegi u Armeni kollha kellhom ċwievet għall-kripta.

Fil-ħarifa tal-1755 għargħar kbir qered il-pont tal-ġebel fuq il-Wied tal-Kedron u għarraq il-knisja sal-livell tat-taraġ. F'Ottubru 1756 is-Sultan 'Uthmān III ta lill-Franġiskani l-permess li jsewwu s-saqaf tal-kripta u l-bieb tagħha.

Nhar Ħadd il-Palm 1757, il-Griegi Ortodossi organizzaw rewwixta kontra l-Franġiskani fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, f'dik tan-Nativitá f'Betleħem u fil-Qabar tal-Madonna, biex jaħtfu f'idejhom diversi partijiet minn dawn is-Santwarji. B'hekk il-Franġiskani tilfu l-pussess tagħhom fuq il-Qabar ta' Marija, li ttieħed mill-Griegi u l-Armeni. Sal-lum il-ġurnata l-Franġiskani ma jistgħux jiċċelebraw l-Ewkaristija fil-Qabar tal-Madonna. Għandhom biss id-dritt li nhar il-15 ta' Awwissu, festa tal-Assunta, wara l-Għasar li jiċċelebraw fl-Għar tal-Appostli li jmiss mal-kripta, huma jinżlu purċissjoni fil-Qabar tal-Verġni Marija, u hemmhekk ikantaw antifona u jitolbu għal ftit tal-ħin.

Fl-1972 il-kripta reġgħet għerqet waqt ix-xita, u l-Griegi talbu lill-Franġiskani tal-i*Studium Biblicum Franciscanum*, immexxijin minn P. Bellarmino Bagatti, biex jagħmlu skavi waqt li jsiru xogħlijiet ta' restawr. Bagatti kkonferma li l-Qabar tal-Verġni Marija hu qabar


*Padre Bellarmino Bagatti*

Lhudi tal-1 seklu, li juri l-istess elementi tal-Qabar ta' Kristu u li jaqbel mar-rakkonti Aprokifi tat-*transitu* tal-Verġni Marija li jsemmuh fl-ewwel sekli tal-era Kristjana. Il-Qabar ta' Marija kien mibni f'kamra rettangolari ta' xi 2 metri b'1.75 metri, bi xkaffa fil-blat wiesgħa 0.75 metri u li x'aktarx kellha *arcosolium* bħall-Qabar ta' Kristu. Meta nbniet il-knisja Biżantina din il-kamra ġiet iżolata għaliha biex saret edikola fiċ-ċentru tal-kripta.

## Deskrizzjoni tal-Kripta u kif tidher illum

Il-kripta tal-knisja Biżantina kienet mibnija forma ta' salib, b'żewġ volti semi-ċirkulari xi 6 metri wiesgħa, li jiltaqgħu f'angolu rett. Illum il-ġurnata t-tul ta' dawn il-korsiji naqas ġmielu, x'aktarx għax maż-żmien jew ġew imbarrati biex jiġi evitat għargħar, jew saru diversi bidliet strutturali fil-binja.

Meta wieħed iqis il-fatt li s-soqfa huma baxxi, u li l-ħitan huma ħoxnin u b'saħħithom, u kważi ma hemmx twieqi, hu probabbli li din il-binja dejjem kellha l-iskop li tkun kripta ta' knisja li kienet mibnija fuqha. Jekk il-kripta hi parti mill-ewwel knisja li bena Theodosius I, mela x'aktarx li l-binjiet li għamlu Maurikios u l-Abbati Modestos kellhom x'jaqsmu biss mal-knisja superjuri. Imma lanqas

nistgħu ngħidu xi pjanta setaʼ kellha l-knisja Biżantina.

L-aktar struttura importanti tas-seklu 12 li turina binja li għamlu l-Kruċjati hi t-taraġ monumentali li minnu trid tinżel fil-kripta. Il-faċċata tal-kripta, li tħares lejn in-nofsinhar, hi 11.25 metri wiesgħa, u għandha bieb gotiku li hu wiesgħa 2.4 metri li fuqu hemm arkitravu u timpanu, magħluqin f'ark bil-ponta li fih tliet ordinijiet, imwieżen fuq sitt kolonni b'kapitelli Korinzi. Il-bieb jagħti għal daħla li fiha volta bil-ponta. Fuq in-naħa tal-lemin hemm bieb imbarrat, li antikament kien jagħti għall-Għar tal-Appostli.

Il-kappella taʼ San Ġwakkin u Sant'Anna, fejn kien hemm il-qabar tar-Reġina Melisende, tinsab fuq il-lemin taħt tieqa. Tidħol fiha minn ark bil-ponta wiesgħa 3.85 metri. X'aktarx li l-qabar kien jinsab fix-xaqliba tal-lvant tal-kappella, taħt *arcosolium*. Fuq ix-xaqliba tax-xellug hemm kappella funerarja oħra, li fiha arkata taʼ xi 3.2 metri wiesgħa. Illum din hi l-kappella taʼ San Ġużepp, u x'aktarx li oriġinarjament kienet il-qabar tar-Reġina Morphia, mart ir-Re Baldwin II, li kienet omm Melisende.

Fil-kripta Biżantina, il-Qabar tal-Verġni Marija ġie iżolat biex jifforma blokka taʼ blat 2.85 metri fid-direzzjoni tramuntana-nofsinhar, 2.6 metri fid-direzzjoni lvant-punent, u 1.75 metri fl-għoli. Fl-era Biżantina din l-edikola kienet miksija bil-mużajċi, filwaqt li fl-era Kruċjata ġiet miksija b'irħamijiet fini, li mbagħad ġew meqrudin wara l-ħakma Ottomana. L-edikola kienet dejjem imbajda sal-1972, meta l-iskavi kixfu l-istrati oriġinali tal-ġebel u l-blat tal-edikola.

Il-pellegrini jersqu lejn l-Edikola tal-Qabar tal-Madonna, li quddiemha hemm l-altar li fuqu jiċċelebraw il-Griegi u



*Ikona tal-Assunzjoni tal-Verġni Marija*

l-Armeni. Fil-lemin tal-altar hemm bieb dejjaq ta' 1.24 għoli u 0.55 metri wiesa' li jdaħħlek fil-Qabar. Hemmhekk, wara l-*plexiglass* hemm il-bank tal-blat li fih tqiegħed il-ġisem tal-Verġni Marija, li fih tliet toqbiet tondi ta' 0.24 metri djametru, li minnhom il-pellegrini setgħu jdaħħlu jdejhom biex imissu l-Qabar, li hu miksi b'lapida tar-rħam li tmur lura għas-seklu 17.

Malli toħroġ mill-bieb dejjaq tan-naħa tat-tramuntana ssib ruħek fil-parti l-aktar interna tal-kripta, fejn hemm abside u altar tal-Griegi, li fuqu hi meqjuma ikona devota tal-Verġni Marija, magħrufa bħala *Panagia Ierosolymitissa* (Il-Qaddisa Sinjura ta' Ġerusalemm). Quddiem din l-ikona, li saret fl-1870 fil-monasteru ta' Santa Marija Maddalena tal-Għolja taż-Żebbuġ, jitolbu eluf ta' pellegrini Ortodossi, li jżuru dan is-Santwarju l-aktar fil-festa tad-Dormizzjoni ta' Omm Alla (*Koímēsis Theotoku*), li fil-kalendarju Ġuljan tikkorrispondi għat-15 ta' Awwissu (28 ta' Awwissu fil-kalendarju Gregorjan li nsegwu aħna l-Kattoliċi). Għall-Ortodossi din hi festa solennissima, li huma jħejju ruħhom għaliha b'Randan ta' sawm ta' 15-il ġurnata (1-14 ta' Awwissu fil-kalendarju Ġuljan / 13-27 ta' Awwissu fil-kalendarju Gregorjan).

Hi tradizzjoni tal-Patrijarkat Grieg Ortodoss ta' Ġerusalemm li nhar il-25 ta' Awwissu issir purċissjoni bl-ikona tat-Theotokos, li fiha rappreżentazzjoni fuq żewġ naħat tal-Verġni Marija mimduda u mkeffna għad-difna. Din l-ikona tinsab meqjuma fil-knisja tal-Ġetsemani tal-Ortodossi, li tinsab faċċata tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. F'dak il-jum din l-ikona tittieħed f'purċissjoni lejn il-Qabar tal-Madonna fil-Wied ta' Ġosafat, fejn tibqa' għall-qima sal-5 ta' Settembru, meta mbagħad terġa' tittella' proċessjonalment lejn Ġerusalemm f'dik li tissejjaħ l-*Apódosis* (Ritorn) tad-Dormizzjoni tal-Omm ta' Alla. Matul din l-Ottava, it-48 tarġiet li jinżlu fil-kripta tal-Qabar tal-Verġni Marija jkunu miksijin bix-xemgħat jixegħlu tad-devoti.